MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## MARK CHETCUTI

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2013

Citazzjoni Numru. 102/2011

**David Pace**

**vs**

**Tony Vella**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur tal-4 ta’ Frar 2011 li jghid hekk:
1. Illi l-esponent kien xtara numru ta' trukkijiet minghand il-konvenut fosthom HBH514 Ford Cargo u DPS001 Seddon Atkinson, Leyland Daf bin-numru ta' registrazzjoni GBJ508, Isuzu Platform numru ta' registrazzjoni Ingliza B16YMS, Foden Hook Loader numru ta' registrazzjoni CBS841 u Sedon Refuse Truck SF03FZT.

2. Illi ta' dawn it-trukkijiet kollha, l-esponent kellu jghati lill-konvenut is-somma ta' €74,600, li minnhom huwa hallas

€24,400, u baqa' bilanc ta' €50,200, kif jirrizulta mill-anness dokument immarkat bhala DOK. DP1.

3. Illi pero kien hemm diversi problemi bit-trukkijiet li gew mibjugha lilu kif ser jigi spjegat.

4. Illi tnejn mit-trukkijiet imsemmija, u cioe s-Seddon Refuse Truck SF03FZT, u l-Foden Hook Loader CBS841, qatt ma gew ikkonsenjati lill-esponent.

5. Illi in effetti rrizulta illi t-trukk tal-ahhar, u cioe l-Foden Hook Loader, ma kienx registrat fuq isem Tony Vella imma fuq certu wiehed George (maghruf bhala tat-Towing) u li dan l-istess George ghad ghandu jiehu xi flus ta' tali trukk.

6. Apparti dawn iz-zewg trukkijiet, tlett trukkijiet ohrajn, u cioe l-Isuzu Patform B16YMS, il-Leyland Daf GBJ508, u l-Ford Cargo HBH514, qatt ma setghu jintuzaw mill-esponent kif ser jigi spjegat:

7. !lli l-log book tal-Isuzu Platform qatt ma ghadda ghand l-esponent u sussegwentement ittiehed lura mill-konvenut. Il-Leyland Daf, gie registrat fuq isem l-esponent, pero sussegwentement irrizulta illi l-log book ta' dan it-trukk huwa falz. Il-Leyland Daf fil-verita huwa scammel, mentri il-log book (li huwa esebit u mmarkat bhala DOK. DP2) jispjega li dan it-trukk huwa road runner refrigerator. L-esponent sar jaf b'dan meta huwa kien qieghed jipprova jiehdu tender tal-gbir ta' skart tal-Kunsill Lokali Pieta.

8. Illi minhabba f'din ir-raguni, l-esponent rna setghax jahdem peress li rna setghax juza t-trukkijiet in kwistjoni.

9. Illi fejn jirrigwarda l-Ford Cargo, dan huwa ggaraxxjat. L-esponent hallas l-insurance fuq dan it-trukk DOK. DP3) izda l-konvenut Tony Vella qatt ma rregistra t-trukk fuq isem l-esponent u ghalhekk dan tal-ahhar qatt ma seta' jerga' japplika mill-gdid ghan-numri. L-esponent qieghed jesebixxi dokument DOK. DP4 minfejn jirrizulta li l-log

book jghajjat lil Tony Vella, li l-vettura hija ggaraxxjata u li qieghed sabiex jerga' jinbiegh.

10. Illi l-uniku trukk li l-esponent seta' juza, kien is-Seddon Refuse Truck DPS001, li fid-DOK. DP1, huwa mnizzel li jiswa €21,000.

11. Illi ghalhekk jidher car li l-uniku trukk li l-esponent seta' juza kien imhallas kollu, u dan ghaliex l-esponent diga hallas l-ammont ta' €24,000, u cioe €3,000 iktar minn kemm attwalment jiswa t-trukk.

12. Illi ghalhekk hamsa mis-sitt trukkijiet mibjugha u kkonsenjati lill-attur ma kienux tal-kwalita patwita kif kontemplat fl-artikolu 1390 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

13. Illi minhabba f'dan kollu, l-esponent sofra danni konsistenti fost affarijiet ohra, f'telf ta' qliegh.

14. Illi in effetti huwa kien xtara going concern minghand certu Jamie Vella, ghall-prezz ta' €35,000, li huwa marbut li jhallas fi zmien sentejn, pero li huwa fl-impossibbilta li jaghmel dan minhabba li huwa ma jahdimx f'dan ix-xoghol izjed.

15. Illi apparti minn hekk l-esponent tilef numru ta' kuntratti ohra u dan peress li ma setghax jaghmel ix-xoghol ta' gbir ta' skart minghajr dawn it-trukkijiet.

16. Illi kontestwalment l-attur irrifjuta dawn it-trukkijiet u li jekk dawn ma jingabrux mill-konvenut dawn ser jigu depositati taht l-awtorita tal-Qorti.

Ghaldaqstant l-esponent jitlob umilment li din l-Onorabbli Qorti jogghobha:

1. Tiddikjara li hames mis-sitt trukkijiet mibjugha mill-konvenut lill-attur u cioe l-HBH514 Ford Cargo, Leyland Daf bin-numru ta' registrazzjoni GBJ508, Isuzu Platform numru ta' registrazzjoni Ingliza B16YMS, Foden Hook Loader numru ta' registrazzjoni CBS841 u Sedon Refuse Truck SF03FZT2 ma kienux tal-kwalita patwita ghar-

ragunijiet hawn fuq spjegati u dan kif ser jigi ppruvat waqt is-smigh u t-trattazzjoni ta' din il-kawza.

2. Tiddikjara illi a kawza ta' dan I-attur sofra danni.

3. Tillikwida d-danni hekk sofferti mill-attur.

4. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur id-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjez u I-imghax u I-konvenut ingunt in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li tghid hekk:
1. Preliminarjarnent, in kwantu l-azzjoni attrici, kif espressament indikat skond it-tnax-il premessa u l-ewwel talba attrici, hija wahda ta' nuqqas ta' kwalita pattwita a tenur tal-artikolu 1390 tal-Kodici Civili, hija perenta bid-dekors tal-perjodu ta' sentejn mid-data tal-kuntratt tal-bejgh, li huwa perjodu ta' dekadenza.

2. Illi l-azzjoni attrici hija irritwali u nulla stante li minn ezami tar-Rikors Guramentat promotur jirrizulta illi l-azzjoni intentata mill-attur hija kjarament azzjoni generali ghad-danni ex contractu - dan kif jirrizulta bic-car minn dak imtenni fit-tlettax (13), l-erbatax (14) u l-hmistax-il (15) premessa citattiva - meta skond gurisprudenza pacifika l-unika azzjoni esperibbli meta l-kuntratt ikun wiehed ta' bejgh hija jew dik
dwar nuqqas ta' kwalita pattwita a tenur tal-artikolu 1390 tal-Kap. 16 jew I-actio redhibitoria jew aestimatoria a tenur tal-artikolu 1427 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta,

3. Illi wkolll-azzjoni attrici hija irirtwali u nulla ghaliex l-attur qua xerrej ma jistax jitlob dikjarazzjoni li l-oggetti minnu mixtrija mhumiex tal-kwalita pattwita u jitlob il-hlas tad-danni meta l-istess oggetti jkunu ghadhom fil-pussess tieghu u kien obbligat li kontestwalment jiddepozita l-istess oggetti taht l-awtorita tal-Qorti u d-dikjarazzjoni maghmula fis-sittax-il (16) premessa legalment ma tfisser xejn u ma tissodisfax il-vot tal-ligi.

4. Illi f'kull kaz, sussidjarjament u bla ebda pregudizzju ghas-suespost, id-danni li jistghu jigu reklamati f'azzjoni skond l-artikolu 1390 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta mhumiex dawk id-danni li qed jipprospetta l-attur fit-tlettax (13), l-erbatax (14) u l-hmistax-il (15) premessa tar-Rikors Guramentat u ghal din ir-raguni wkoll l-azzjoni attrici hija irritwali u nulla.

5. Illi wkoll, sussidjarjament u bla ebda pregudizzju ghas-suespost, l-azzjoni attrici ma tista' qatt tirnexxi stante li l-attur qed jitlob dikjarazzjoni illi hamsa mis-sitt trukkijiet lilu mibjugha u kkonsenjati mill-konvenut mhumiex tal-kwalita pattwita meta huwa stess fil-premessi minnu maghmula juri bic-car li dan mhuwiex il-kaz - dan ghaliex, fir-rigward tat-trukkijiet Seddon Refuse Truck bin-numru ta' registrazzjoni esteru SF03FZT u Foden Hook Loader numru ta' registrazzjoni CBS841 il-lanjanza tal-attur hija illi dawn qatt ma gew lilu konsenjati, u din certament li bl-ebda tigbid tal-immaginazzjoni ma tikkostitwixxi 'nuqqas ta' kwalita pattwita'; in rigward tal-vettura Isuzu Platform bin-numru ta' registrazzjoni esteru B16YMS il-lanjanza tal-attur hija illi l-log book taghha qatt m'ghadda ghand l-attur u dan it-trukk gie ritomat lir-rispondent u zgur li dal-fatt ma jfissirx li tali vettura ma kinitx tal-kwalita pattwita; in rigward tat-trukk Leyland Daf numru ta' registrazzjoni GBJ508 il-Ianjanza tal-attur hija li l-log book ta' dan it-trukk huwa falz (meta dan mhux minnu) u din ukoll bl-ebda tigbid tal-immaginazzjoni ma tikkostitwixxi 'nuqqas ta' kwalita pattwita'; u in rigward tat-trukk Ford Cargo numru ta' registrazzjoni HBH514 il-Ianjanza tal-attur hija li l-konvenut qatt ma rregistra t-trukk fuq isem l-attur u indubbjament dal-fatt ukoll ma jfissirx illi tali trukk ma kienx tal-kwalita pattwita.

6. Illi f'kull kaz assolutament mhu minnu xejn illi t-trukkijiet li dwarhom sar in-negozju bejn il-konvenut lill-attur ma kienux tal-kwalita pattwita.

7. Illi l-konvenut ma kkawza ebda danni lill-attur.

8. Illi t-talbiet attrici jirrizultaw li huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

9. Salv eccezzjonijiet ulterjuri li talvolta jistghu jigu permessi skond il-ligi u awtorizzati minn din l-Onorabbli Qorti.

Rat l-atti u n-nota tas-sottomissjonijiet tal-attur;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Din hi kawza maghmula taht l-artikolu 1390 tal-Kap. 16 fejn l-attur qed jitlob li l-Qorti tiddikjara li l-bejgh ta' hames vetturi maghmula lilu mill-konvenut ma kienux tal-kwalita miftehma. Dawn il-vetturi kienu HBH514 Ford Cargo, Leyland Daf GBJ508, Isuzu Platform b'numru Ingliz B16YMS, Foden Hook Loader CBS841 u Sedon Refuse Truck SFO3FZT2.

Ir-rimedju disponibbli li ghazel l-attur skond l-artikolu 1390 hu li jirrifjuta l-oggett u talba ghad-danni liema danni jikkonfiguraw ruhhom fl-artikolu 1404 tal-Kap. 16.

**Eccezzjoni ta' dekadenza**

Din hi l-ewwel eccezzjoni maghmula mill-konvenut. It-terminu tal-ligi ta' sentejn hu wiehed ta' dekadenza li ma jistax jigi interrott. Id-dekadenza trid tigi ppruvata minn min qed iressaqha. Sfortunatament il-provi fuq din il-kwistjoni huma nebuluzi ghall-ahhar. Kull ma jirrizulta hu illi l-vetturi in kwistjoni inxtraw f'perjodu ta' xhur pero ma hemmx hjiel ta' kemm jew meta. L-attur esebixxa document a fol. 4 tal-process li juri l-valur ta' hames vetturi bil-firma taz-zewg kontraenti. Id-data fuq id-dokument hu 16 ta' Marzu 2010. Skond l-affidavit tal-attur l-ewwel vettura li xtara kienet Isuzu B16YMS. Kwindi hu car illi l-vetturi l-ohra inxtraw wara. Ma jfissirx li d-data tal-ewwel bejgh kien is-16 ta' Marzu 2010 anzi hu ragonevoli illi l-bejgh tal-ewwel vettura u l-ohra li segwewh, billi ma nxtrawx f'salt, sar

qabel din id-data. Sfortunatament imkien ma jirrizulta meta sar il-bejgh ta’ ebda wahda mill-vetturi. Kien jispetta lill-konvenut jressaq provi cari fuq dan il-punt.

Jirrizulta pero li l-kawza saret fl-4 ta’ Frar 2011 u kwindi mid-data tad-dokument ma kienx ghaddew sentejn u billi ma jirrizultax kemm qabel s-16 ta’ Marzu 2010 inxtraw il-vetturi, din l-eccezzjoni ma tistax tirnexxi.

**Eccezzjoni rigward l-ammissibilita tal-azzjoni fil-konfront ta’ Sedon Refuse Truck SFO3FZT2 u Foden Hook Loader CBS841 li qatt ma gew konsenjati lill-attur**

L-attur fil-premessi jiddikjara illi dawn il-vetturi qatt ma gew konsenjati lilu. Fl-affidavit tal-konvenut a fol. 87 tal-process hemm ammissjoni li n-negozju fuq dawn il-vetturi ma sehhx minhabba li l-attur ma nghatax bank loan. Fil-kontroezami a fol. 129 u 130 l-attur stess ighid li dawn il-vetturi ma hallashomx ghax meta mar il-bank il-manager qallu li jridu jkunu aktar moderni. Hu zied li l-vetturi ghalhekk baqghu ghand il-konvenut u qatt ma hallsu taghhom tant li l-konvenut bieghhom lil terzi. Zied ukoll li mhux jitlob xejn dwar dawn il-vetturi.

Din ix-xhieda hi inkompatibbli ma’ azzjoni taht l-artikolu 1390 billi jidher mix-xiehda tal-partijiet illi l-ftehim tal-bejgh fuq dawn il-vetturi qatt ma gie finalizzat izda biss kien hemm intendiment ta’ ftehim li waqa’.

Ghalhekk it-talbiet attrici in kwantu dawn iz-zewg vetturi huma bla fundament legali.

**Eccezzjoni dwar in-nuqqas ta’ rifjut tal-oggetti u depozitu taghhom taht l-awtorita tal-Qorti qabel giet mibdija l-kawza**

Din l-eccezzjoni ghalhekk tirreferi ghat-tlett vetturi li jibqa cioe HBH514 Ford Cargo, Leyland Daf GBJ508 u Isuzu Platform B16YMS.

Bhala principju regolatur dawn il-Qrati dejjem irritenew li biex ix-xerrej jehles mir-rabta kontrattwali li kien dahal fiha li jakkwista l-oggett minghand il-venditur, fejn dak l-oggett ma jkunx konformi mal-kampjun jew skond il-kwalita mwieghda, hu kellu jirrifjutah jew materjalment jew billi jiddepozitah taht l-awtorita tal-Qorti (**Avv. Dottor Louis Cassar Pullicino nomine vs Pauline Buhagiar nomine**, App Civ, 28/04/2000). Naturalment skond l-istess termini tal-artikolu tal-ligi, huwa seta' wkoll jaghzel li jaccettah u jhallas prezz anqas ghalih fuq stima ta' perit.

Fis-sentenza moghtija fil-kawza fl-ismijiet **John Mary Dalli nomine vs Grezzju Patiniott** (App Civ 19/05/2000) gie in oltre ritenut li

"Din kienet difiza li l-kompratur seta' javanza ukoll per via di eccezione jekk il-venditur jinterpellah biex ihallas il-prezz ta' l-oggett in vendita, Mill-banda l-oh ra, jekk il-kompratur jaghzel li jzomm l-oggett lilu konsenjat u bl-ebda mod ma jirreagixxi skond kif trid il-ligi ghall-fatt li dak l-oggett ma jkunx skond il-kampjun jew tal-kwalita' pattwita, il-kompratur ikun qieghed jippregudika irremedjabilment il-posizzjoni tieghu".

Fl-istess vena l-istess principju gie ripetut fis-sentenza **Vastek International Limited vs Engineering and Technology Limited** (PA 15/12/2003) li rriferit ghal decizjonijiet ohra fuq l-istess punt, kif ukoll **J.C. Hydraulics Limited vs Waste Control Services Limited** deciza fit-28 ta’ Gunju 2001.

Il-forma guridika tar-rifjut hi komunement meqjusa bhala d-depozitu formali tal-oggett permezz ta’ cedola fil-Qorti u f’kazijiet ta’ oggetti kbar id-depozitu fiziku tal-oggett ghand konsinjatarju.

Jidher car mill-atti u ex admissis mill-attur stess illi l-vetturi qatt ma gew depozitati fil-Qorti tant li fil-premessa 16 tal-att promotur jiddikjara li jekk it-trakkijiet ma jingabrux mill-konvenut hu kien ser jiddepozitahom. Din il-premessa ma tissodisfax il-ligi u nonostante dan xorta jidher li qatt ma gie depozitat xejn taht l-awtorita tal-Qorti. Fil-fatt fil-

mandat ta’ qbid 1758/10 gew maqbuda minghand l-attur fis-16 ta’ Novembru 2010 il-vetturi HBH514 Ford Cargo u l-vettura DPS001 ghalkemm l-attur ighid li nqabdu l-vetturi kollha li xtara u ohrajn li kellu tieghu.

Ghalkemm l-attur jista’ jargumenta illi hu ma setax ighaddi ghad-depozitu billi l-vetturi ma kienux fil-pussess tieghu, dan l-argument ma jreggix ghaliex l-attur allegatament sa mill-bidu kien irrealizza li l-konvenut ma kienx zamm mal-ftehim li l-attur allega li kellu mal-konvenut dwar il-kondizzjonijiet tal-bejgh. In oltre qatt ma wera b’att jew azzjoni formali f’forma guridika accettabbli li kien qed jirrifjuta l-oggetti tant li baqghu ghandu ghax kienu fil-pussess tieghu ghal diversi xhur anzi aktar minn sena. Nonostante d-dizgwid kollu inkluz il-mandati li sarulu, l-attur fetah il-kawza fi Frar 2011 cioe tlett xhur wara l-esekuzzjoni tal-mandat ta’ qbid. Fl-ebda waqt qabel l-attur kien fl-impossibilita jirrifjuta l-oggetti b’mod formali u fiziku jew tali depozitu seta’ b’xi mod ippregudika irrimedjabilment il-pozizzjoni legali tal-attur fejn il-Qorti f’certi kazi rari skuzat in-nuqqas ta’ depozitu bhal fil-kawza **Medcomms Limited vs Peter Muscat Scerri** (PA 25/03/2010) liema decizjoni pero ma tbiddilx ir-regola generali u gurisprudenza kwazi kostanti.

L-atteggjament tal-attur hu wiehed inkonsistenti mar-rifjut tal-oggett u depozitu tieghu qabel ftuh tal-proceduri. Fl-ebda hin qabel il-kawza ma jirrizulta xi att legali jew gudizjarju li juri d-disapprovazzjoni tal-attur fuq dak li allegatament l-konvenut naqas li jonora anzi kuntrarjament jirrizulta li l-attur baqa jixtri jew jidhol f’akkodju ghal vetturi ohra mal-konvenut qabel ma l-konvenut ha passi ghal hlas ta’ dak dovut lilu.

Il-Qorti tqis illi l-mod ta’ komportament tal-attur hu ghal kollox inkompatibbli ma’ dak li ghandu jipprecedi azzjoni bhal dik intavolata minnu, u ghalhekk il-Qorti tilqa’ l-eccezzjoni tal-konvenut illi l-attur naqas li jottempera ruhu mar-rekwiziti essenzjali biex titwieled l-azzjoni u ghalhekk qed tichad it-talbiet attrici.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti qed tichad l-eccezzjoni tad-dekadenza tal-azzjoni pero qed tichad it-talbiet attrici, u ghal dan il-ghan qed tilqa’ t-tielet eccezzjoni tal-konvenut tal-irritwalita tal-azzjoni ghax ma gietx preceduta minn rifjut car tal-oggett ghax allegatament mhux tal-kwalita pattwita u anqas sar id-depozitu formali tal-oggett taht l-awtorita tal-Qorti u dan in kwantu ghal vetturi HBH514 Ford Cargo, Leyland Daf GBJ508, u Isuzu Platform B16YMS, u wkoll il-hames eccezzjoni tal-konvenut dwar l-inammissibbilita tal-azzjoni limitatament ghal vettura Sedon Refuse Truck SFO3FZT2, u Fodan Hook Loader CBS841 billi l-bejgh ta’ dawn il-vetturi qatt ma gie finalizzat.

Spejjez ghall-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------